**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA**

**10 ta' ĠUNJU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla, s-Sur Pierre Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**3.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

3.1.1 Ġew approvati l-minuti tat-tieni seduta.

***3.2*** ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA***

3.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 13.

***3.3*** ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK U L-MINUTI TAL-LAQGħAT LI SARU BEJN IL-KUNSILLIER KENNETH FARRUGIA U L-KUMPANIJA GREEN PAK U L-WASTESERV.***

3.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 59 u l-minuti tar-Regjun nofsinhar numru 21.

3.3.2 Fir-rigward tal-laqgħa li saret mal-Wasteserv, il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma li fir-rigward tar-riabilitazzjoni tal-miżbla ta' Wied Fulija, ser issir laqgħa oħra nhar is-16 ta' Ġunju. Hu stieden lil kull min jixtieq jattendi miegħu jinfurmah. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li bħalissa fil-miżbla, qed jitpoġġa materjal ta' terrapien minn Triq il-Pluvieri (fi Triq Ħal Far) u meta jkun ser isir it-tarmak fit-triq imsemmija, dan il-materjal jerġa jittieħed mill-miżbla u jitpoġġa bħala bażi tat- tarmakk.

### *3.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn it-talbiet miż-Żurrieq FC u Żurrieq FC youth nursery.

- Permess biex nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, issir attivita – Car wash viċin il-letrina pubblika
- Il-Kunsill jagħti l-għajnuna finanzjarja tiegħu ta' 250Euro, fil- kollaborazzjoni li ser ikollu maż-Żurrieq FC Youth Nursery għas-Summer School tat-tfal bejn il-5 u 13 –il sena.

Kien hemm qbil fuq iż-żewġ punti.

3.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn Birkirkara St Joseph Sports Club biex issir attivita' fi Triq il-Belt Valletta nhar il- 5 ta' Lulju, 2015 – Individual cycling time trial.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-permess meħtieġ.

3.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talbiet mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM biex:

- bħal kull sena jpoġġu container li ser ikun fih injam biss, fi Triq il-Qrendi k/m Vjal il-Blue Grotto,
- għal waqt il-festa u li ma tarma l-ebda gabbana fejn jinħaraq in-nar tal-art, u
- li l-bejjiegħa tal-monti ma jarmawx fil-parti fejn jarmaw in-nar tal-art.

Kien hemm qbil ma' dawn it-talbiet.

3.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-risposta tal-Management Letter li ħejjiet għall-awdituri.
Tali ittra ġiet approvata biex tintbagħat.

3.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li ressqu residenti minn Triq San Martin biex titneħħa s-sleeping policeman minħabba li qed tħabbat ħafna waqt li jgħaddu l-vetturi.

Kien hemm qbil li ssir talba lill-Transport Malta fir-rigward.

3.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' residenti li jridu bankina quddiem il-garaxxijiet tagħhom fi Vjal l-Indipendenza.

Kien hemm qbil li jiġi spezzjonat il-post biex ikun ċert li l-post mitlub mhux privat.

3.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni (sezzjoni Libreriji) biex fix-xhur tas-sajf il-librerija tibda tiftaħ għal saghtejn oħra kull nhar ta' Ħamis bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu. L-ispiża għall-Kunsill ser tkun ta' madwar 211Euro għal 16 –il ġimgħa.

Kien hemm qbil li jekk il-librar jaċċetta li jiftaħ fil-ħin issuġġerit, il-Kunsill jagħti prova għas-sajf li ġej u jintalab rendikont ta' kemm ikunu attendew nies f'din il-ġurnata.

3.4.8 F'dan il-punt kien hemm preżenti rappreżentanza tas-Soċjeta' Mużikalit Santa Katarina VM fejn ressqu t-talba tagħhom li jiltaqgħu mal-Kunsill fis-seduta u l-Kunsill stiedinhom jattendu.

Il-President tas-Soċjeta' s-Sur Philip Schembri xtaq jitkellem fuq l-istedina li saret mill-Capitano di Castello ta' Borgo Maggiore, lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u lill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

Is-Sur Philip Schembri talab li l-Kunsill jikkjarifika l-ittra li l-istess Soċjeta poġġiet fuq il-mejda u li tali ittra kienet intbagħtet lill-istess Kunsill, waqt li ntalab jikkummenta.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fl-uffiċċju tal-Kunsill, l-ittra li qed jitkellmu fuqha qatt ma waslet. Kienet l-istess Soċjeta' li nfurmat lill-Kunsill biha u bagħtet kopja tagħha permezz ta' email.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li din l-ittra ġiet miktuba fl-20 ta' Marzu, 2015, u l-Capitano ta' Borgo Maggiore ċempel lill-Kunsillier Joseph D'Amato f'Mejju, fejn infurmah li hu l-pjaċir tagħhom, li jilqgħu

lill-banda tal-Kunsill taż-Żurrieq, fil-festa tagħhom. Il-Kunsillier infurmah li hu ma kien jaf b'xejn u li l-Kunsill għandu orkestra u li din ma kienetx tiela f'Borgo Maggiore.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato żied jgħid li żgur kien hemm xi *misunderstanding* tas-sitwazzjoni, imma li l-Kunsill qatt ma kien daħal fiha.

Is-Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, is-Sur Kevin Schembri, staqsa jekk l-Għaqda Karmelitana u Banda QV, kienux avviċinaw lill-Kunsill jew jekk kienx hemm xi komunikazzjoni fuq dan il-każ, minħabba li mill-esperjenza vasta li għandu f'dan il-qasam, biex il-banda titla ddoqq barra minn Malta, isiru bosta preparamenti, fosthom komunikazzjoni kontinwa mal-post u li jmorru jaraw il-post fejn ikunu ser jagħtu servizz.

Membru mis-Soċjeta' staqsa kif il-Kunsill iżżeffen fin-nofs jekk qed jiġi nsinwat li dan ma kien jaf b'xejn.

Membru ieħor mis-Soċjeta' staqsa jekk il-Kunsill hux ser jibqa jassumi biss li kienet *misunderstanding* u mhux ser jiċċekkja x'ġara fuq il-każ.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li sakemm waslet din is-seduta, l-Kunsilliera tkellmu bejniethom permezz ta' emails li kienu qed jiċċirkulaw bejniethom u kien hemm qbil li l-Kunsill l-ewwel għandu jisma lil-membri tas-Soċjeta' u wara jiftihem għall-pass li ser jieħu.

Membru mis-Soċjeta' ddikjara li bilfors kien hemm l-involviment ta' xi persuna li għandha jew kellha relazzjoni mall-Kunsill, biex saru dawn il-komunikazzjonijiet ma' Borgo Maggiore, għaliex kieku ma kienx jiżżeffen il-Kunsill fin-nofs.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato aċċerta li l-Kunsill ta' Borgo Maggiore ħasbu li kienet ser tkun l-orkestra tal-Kunsill minħabba li fil-passat, waqt li delegazzjoni minn Borgo Maggiore kienet Malta, kien ġie diskuss li l-Kunsill xtaq itella l-orkestra tal-Kunsill tati servizz f'Borgo Maggiore.

Is-Sindku għalaq din id-diskussjoni, billi sellem lill-membri tas-Soċjeta' li kienu preżenti u nfurmhom li l-Kunsill ser jiddiskuti l-każ. Il-President tas-Soċjeta', s-Sur Philip Schembri talab li, s-Soċjeta' għandha tkun magħrrfa x'pużizzjoni ser jieħu l-Kunsill fuq il-każ.

Il-membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina ħarġu

mis-seduta.

3.4.9 Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-Kunsill tikteb lill-Borgo Maggiore u tistaqsi dan waqt li tehmeż l-ittra li ntbagħtet lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV fl-20 ta' Marzu u li fuq l-istess ittra kien hemm l-indirizz tal-Kunsill Lokali:

- Il-Kunsill jixtieq jistaqsi jekk l-ittra mehmuża intbagħtitx lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV biss jew intbagħtitx ukoll lill-Kunsill, għax jekk hu l-każ, il-Kunsill ma rċieva xejn,
- Il-Kunsill qed jitlobkom tikkonfermaw li ma kien involut fl-ebda diskussjoni tal-attivita' imsemmija u li dan sar biss bejnkom u bejn l-Għaqda Karmelitana u Banda QV.

## *3.5 AMBAXXATUR VOT 16*

3.5.1 Is-Sindku stieden lil Kaydem Schembri biex juri l-interess tiegħu biex ikun l-ambaxxatur żagħżugħ għaż-Żurrieq. Is-Sur Kaydem Schembri għandu l-approvazzjoni tal-ġenituri tiegħu, fejn iffirmaw dikjarazzjoni ta' kunsens.

Is-Sindku qal li f'leġislatura preċedenti, l-Kunsill kellu Ambaxxatur taż-żgħazagħ li ma kienx attiv u ma kienx jinvolvi ruħu fil-Kunsill. Hu żied jgħid li dan ma xtaqx li jerġa jseħħ.

Is-Sindku qal lis-Sur Schembri li din hi esperjenza sabiħa u li tkun tiswa għall-futur taż-żgħażagħ jekk joħduha bis-serjeta.

Waqt l-intervista s-Sur Schembri ġie mistoqsi jekk jaħdimx jew jattendix l-iskola, f'hiex hu involut aktar, u x'ġalu jikkunsidra japplika għal dan l-inkarigu.
Is-Sur Kaydem Schembri wieġeb li hu għadu jattendi l-iskola, fejn qed jieħu kors għal diploma fl-applied science. Hu footballer u f'din is-sena ser jingħaqad maż-Zurrieq FC u hu membru fl-Għaqda Karmelitana u Banda QV. Xtaq li jipparteċipa aktar fis-soċjeta Żurrieqija, għalhekk wera l-interess tiegħu f'dan il-qasam.

Kien hemm qbil unanimu li l-ambaxxatur taż-żgħażagħ il-ġdid ikun is-Sur Kaydem Schembri.

## *3.6 Approvazzjoni ta' Persuni fis-Sotto Kumitati*

3.6.1 Din hi l-lista ta' persuni li ser ikunu fis-sotto kumitati:
**Sotto Kumitat Anzjani** –

Kostantino Attard, Maria Lourdes Caruana, Mary Sammut u Salvina Zammit

**Sotto kumitat Edukazzjoni u IT** – Carmen Farrugia, Cettina Zahra, Mark Farrugia Bayles u Tony Cardona.

**Sotto Kumitat Indafa Pubblika, Ambjent u drittijiet tal-Annimali** – Tony Cardona, Bernice Camilleri, Kyle Mifsud u Saverina Farrugia

**Sotto Kumitat Infrastruttura, kultura u turiżmu** – Kostantino Attard, Sandro Bonanno u George Sammut

**Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sports** – Kyle Mifsud, Cliffton Caruana u Pierre Xureb.

Il-persuni kollha msemmija ġew approvati.

***3.7*** ***Aggudikazzjoni ta' Tenders :***

***LEG 67/06/15 – Services of a Legal Consultant***

***CM 67/07/15 – Contract Management Services***

3.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-lista ta' offerenti tat-tender ta' Services of a legal consultant (dok 1 mehmuż)
Dawn kienu :
Bonello & Assoc.; Scerri and Bonello, Cosyra Legal, Jonathan C Spiteri, Borg and Assoc. Carina Naiah and Charlene Grima.
Meta wieħed jikkunsidra li l-ewwel tliet kumpanija kkwotaw li fis-sena jitħallsu somma fissa li ma tinkludix is-servizzi ta' attendenza f'seduti tal-qorti, jinnota li l-Kunsill kienet ser tinvolvih fondi li mhux f'pużizzjoni li jħallashom.

Fir-rigward tat-tlieta l-oħra – Carina Naiah & Charlene Grima kkwotaw is-somma ta' 30Euro fis-siegħa għas-servizz ta' Legal Ordinary service. Dan il-Kunsill ma jkunx jista jikkwantifikah minħabba li ma jkunx jista jgħid kemm –il siegħa għandu bżonn. Filwaqt li Jonathan C Spiteri u Borg & Assoc, ikkwantifikaw ix-xogħol b'rata fissa.

Meta wieħed jara d-differenza bejn Jonathan C Spiteri u Borg&Assoc. - fuq ċertu items ġie innutat li Jonathan Spiteri kkwota minn prezz sa prezz, filwaqt li Borg &Assoc. Ikkwotaw prezz fiss li jiġi fil-medju tal-prezzijiet offruti minn Jonathan Spiteri.

Fl-aħħar tal-offerta Jonathan Spiteri ta l-għażla li titħallas rata fissa ta' 6,000Euro fis-sena li ma tinkludiex Ordinary legal services.

Meta wieħed jara dawn il-punti kollha u meta wieħed jikkunsidra li l-Kunsill diġa jaf x'servizz joffru Borg & Associates, kien hemm qbil unanimu li l-offerta tingħatha lil Borg & Associates.

3.7.2 Fir-rigward tat-tender ta' Contract Management Services, kien hemm żewġ offerenti biss li kienu:
Perit AC Bezzina – 0.65% u 7Euro
Perit William Lewis – 0.64% u 6.80Euro

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f'leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien affaċjat bl-istess sitwazzjoni u tqajmet polemika fuq jekk il-Kunsill għandux imur għall-orħos offerent jew għall-Perit li kien hemm qbil unanimu fuq is-servizz eċċellenti li kien jagħti. Dak inhar il-Kunsill kien għażel lill-orħos offerent u għalhekk ta s-servizz lill-Perit William Lewis li l-Kunsill għadu qed jieħu s-servizz tiegħu sal-lum.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li meta tqis li l-Kunsill qajjem diversi ilmenti fuq is-servizz mgħoti mill-Perit William Lewis u li l-valur fiż-żewġ offerti hi ta' varjanza minima ħafna, hu ta l-opinjoni li l-Kunsill imur għall-maturita', l-effiċjenza u l-esperjenza li l-Kunsill kellu maż-żewġ Perita u mhux għall-orħos offerent.

Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li meta l-Kunsill ma marx għall-orħos offerent, kellu appell u għadu s'issa jbagħti l-konsegwenzi. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill meta ta l-offerta lil dak li ma kienx l-orħos, ma kienx ta justifikazzjoni għaliex kien għamel hekk, imma f'dan il-każ hemm ġustifikazzjoni.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li kemm ilu kunsillier, il-Perit William Lewis dejjem tah servizz tajjeb fejn jidħlu tenders u xogħol fuq il-playingfields. Hu żied jgħid li jekk hemm bżonn li l-Perit ikollu aktar pressjoni u monitoring fuqu, jħoss li l-Kunsill għandu jagħmilha.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li ma jarax li l-Kunsill għandu jagħti tender lil membru parlamentari li joħroġ fuq il-ħames distrett.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hu għandu ħafna ilmenti fuq is-servizz li qed jagħti l-Perit William Lewis lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Is-Sindku talab li dan l-item jgħaddi għal-vot.
Dawk favur li din it-tender tingħatha lill-Perit William Lewis kienu – s-Sindku, l-Viċi Sindku, u l-kunsilliera Jean Pierre Attard, Tiffany Ann Farrugia, Joseph D'Amato, Kenneth Farrugia u David Abdilla.
Dawk favur li t-tender tingħatha lill-Perit Toni Bezzina kienu l-kunsilliera Pierre Farrugia u Dino Bonnici.

Kien hemm qbil b'maġġoranza, li t-tender tingħatha lill-Perit William Lewis.

Kien hemm qbil li meta jintalab xogħol lill-Perit William Lewis titpoġġa l-klawżola li tali xogħol ma għandux jieħu aktar minn 30 ġurnata biex jitlesta, ħlief għal każijiet b'aktar urġenza li jirrikjedu li x-xogħol isir qabel.

### *3.8 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali (ETC u IPSL)*

3.8.1 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li minħabba li l-Kunsill għad għandu kawża pendenti fuq it-tender tat-tindif ta' toroq mhux urbani, hu tal-opinjoni li ż-Żurrieq jinqasam f'4 partijiet u jkunu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, mill-IPSL u ETC biex jagħmlu tali xogħol.

Is-Sindku qal li bħalissa l-istess ħaddiema qed jagħmluh ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-Kunsillier Kenneth Farrugia bil-post fejn ikunu qed jaħdmu l-ħaddiema f'dik il-ġurnata.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma ukoll li ser jibdew jiġu organizzati ġranet ta' tindif bil-kollaborazzjoni ta' Garby and Tidy li d-direttur tagħha hu s-Sur Ramon Deguara.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta.

3.8.2 F'dan il-ħin il-Kunsillier Dino Bonnici għamel mozzjoni fejn talab li l-item 3.9 jinbdel is-sekwenza tiegħu ma' item 3.10 minħabba li l-Kunsillier Pierre Farrugia jinsab barra mil-kamra. Il-Mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u kien hemm qbil fuq dan.

### *3.10 Appuntament mal-Prim Ministru dwar Vjal ix-Xarolla u Triq Ħal Far*

3.10.1 Is-Sindku qal li minħabba l-ħafna ilmenti li l-Kunsill kien u għadu jkollu fuq is-sitwazzjoni ta' Vjal ix-Xarolla u ta' Triq Ħal Far, qed jipproponi li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Prim Ministru.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa ukoll li punt ieħor li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Prim Ministru, hu d-dar li qed tostakola Vjal l-Indipendenza ma' Misraħ il-Karmelitani.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Pierre Farrugia reġgħa daħal fis-seduta.

**3.9** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Dino Bonnici u Pierre Farrugia dok mehmuż no.1***

3.9.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici qara l-mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Pierre Farrugia.

Il-Kunsillier David Abdilla li hu nkarigat mit-traffiku fiż-Żurrieq, ħejja site plan dettaljata ta' dak li qed jipproponi hu fuq dan ir-rigward. **Dok mehmuż no. 2.**

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu mas-site plan proposta mill-Kunsillier David Abdilla. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba li titlob appuntament ma' Transport Malta sabiex jintalab l-approvazzjoni tagħha fir-rigward u tistaqsi lill-Avukat li jekk għall-Kunsill ikun diffiċli biex iġib tali approvazzjoni, jistax jirrikori għal bye law.

***3.11*** ***Skeda ta' tlugħ ta' bandiera fuq l-uffiċċju tal-Kunsill***

3.11.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssuġġerixxa li hu flimkien mas-Sindku għandhom iħejju skeda ta' meta għandha tittella l-bandiera fuq l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Kien hemm qbil fuq dan u li tali skeda tkun ippubblikata fil-Kunsill News li jmiss.

***3.12*** ***Gabbani tal-Festi***

3.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' dawk is-sidien li minn sena għal sena japplikaw għal posta (gabbana) fiż-żewġ festi tar-raħal u li għal din is-sena reġgħu applikaw. Kien hemm qbil li dawn jingħataw il-permess bħal ma dejjem sar. Kien hemm qbil ukoll fuq il-permess li jingħatha biex jintramha bar fi Triq il-Wied

waqt il-ħruq tan-nar.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lisa oħra ta' gabbani li applikaw għall-ewwel darba. Il-Kunsill qabel li ma jżidx iżjed gabbani u għalehkk ma jingħatawx permessi ġodda. Imma l-Kunsill approva permess ta' hawker li jbiegħ il-candy floss, minħabba li dan ikun jista jiċċaqlaq mill-post li jkun.

Kien hemm qbil li għal sena oħra l-kunsill jaħseb minn kmieni u jtella l-posti bil-polza ħalli ħadd ma jkollu possess fuq il-post li jkollu.

Kien hemm qbil ukoll li ssir zebgħa fil-kantuniera ta' Triq Dun Ġużep Zammit ma' Triq il-Ħaddiema u fil-permess jkun indikat li min jaqbeż din il-linja, il-Kunsill mhux ser jagħtih permess għal festa oħra. Ninfurmaw ukoll lil dawk li ser ikunu fil-viċinanzi tal-pedestrian crossings, li jekk jostakolawha ser ikunu responsabbli għal xi inċident li jista jinqala. Din il-klawżola għandha tintbagħat ukoll lill-wardens u lill-pulizija.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 20:30)

3.12.2 F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għal permess ta' hawker ta' gabbana żgħir, b'forma ta' larinġa, biex jibda jpoġġi fi Triq il-Wied (fuq il-ħnejja). F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici talab li joħroġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' interess f'din it-talba.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan il-każ, li l-Kunsill jagħti l-permess meħtieġ.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ġie mitlub jerġa jidħol fis-seduta.

***3.13 Monti***

3.13.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-monti taż-Żurrieq x'aktarx hu l-uniku monti li mhux irregolarizzat bil-liġi u għalhekk jeħtieġ li dan isir fl-immedjat.

Il-Kunsillier David Abdilla ġibed l-attenzjoni fuq ilment li tqajjem fl-aħħar seduta, ta' residenti minn Vjal il-Blue Grotto, li qed jaqilgħu ċitazzjonijiet għax ikunu pparkjati mas-central strip, wara li jkollhom joħorġu l-vettrui tagħhom mill-garaxxijiet sa minn filgħodu kmieni, minħabba l-bejjiegħa tal-monti.

Kien hemm qbil li dan il-punt ukoll għandu jiġi mqajjem fl-appuntament li l-Kunsill ser jitlob lill-Prim Ministru.

3.13.2 Il-Kunsillier Joseph D’Amato ppropona li ma jkunx hawn wardens fiż-Żurrieq mis-19:30 ‘l quddiem, għax dawn iktar qed ikunu ta’ tfixkil milli ta’ għajnuna lir-residenti Żrieraq.

Kien hemm qbil unanimu li dan il-punt jiġi mressaq jew mis-Sindku waqt seduta tar-Reġjun Nofsinhar jew direttament mis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta’ email.

***3.14 Facebook tal-Kunsill Lokali***

3.14.1 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li waqt laqgħa li kellha fuq Web chat, ġie pproponut li kull Kunsill ikollu face book page.

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li temmen li l-Kunsill għandu jkun *one stop shop* fir-rigward ta’ ilmenti tan-nies u għalhekk Facebook jiffaċilita lir-resident biex jagħmel l-ilment tiegħu.

Hi ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jkollu facebook page li s-settings tagħha jkunu li l-kummenti tar-residenti jidħlu biss b’mod privat u ma jidhrux fuq il-profile. Il-Kunsill għandu jippubblika fuqu informazzjoni biss.

Kien hemm qbil fuq dan il- ġej:

- Facebook ser ikun amministrat mill-istaff tal-Kunsill biss.
- Ħadd mill-Kunsilliera ma jkun jista jikteb fuqhu.
- Ma jiġux inklużi attivitajiet jekk il-Kunsill ma jkollux sehem fihom.
- L-ilmenti li jidħlu jagħddu kollha lill-Kunsilliera

3.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-ħin allokat għas-seduta ser jiskadi. (ħin 21:00)

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ikompli bis-seduta sakemm l-items kollha jiġu diskussi.

***3.15 Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

3.15.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab biex il-perit tal-Kunsill jara xi żviluppi hemm fuq il-barriera ta’ Wied Moqbol. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard, qal li ser jieħu ħsieb il-każ minħabba li l-qasam tal-MEPA jaqa’ taħt id-dekasteru tiegħu.

3.15.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn nerġgħu niġbru stimi ta’ out door equipment, biex jitpoġġa fil-ġonna li issa qed issir il-manutenzjoni tagħhom.

Kien hemm qbil fuq dan.

3.15.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill qed ikollu ħafna ilmenti fuq ħaxix esaġerat fit-toroq mhux urbani fosthom fi Triq Ħal Far, Triq l-Imwieġel u Triq il-Wardija.

Kien hemm qbil li l-Kunsill bħas-sena l-oħra jerġa joħroġ direct order biex jinqata l-ħaxix kollu fit-toroq kollha mhux urbani, sabiex jiġu eliminati l-ilmenti.

3.15.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lill-Kunsill jekk hux infurmat liema art fiż-Żurrieq, il-Korporazzjoni Enemalta ser tgħaddi lill konsorzju barrani b'arranġament bejn iż-żewġ naħat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv u għalhekk ġiet mitluba tiġbor aktar informazzjoni.

3.15.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li jiġi ffurmat il-Kunsill taż-Żgħażagħ u li s-Sur Kaydem Schembri li ser ikun l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ikun ukoll, is-Sindku ta' dan il-Kunsill.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona lis-Sinjuri Gabrielle Bonanno u Matthew Bonanno biex ikunu f'dan il-Kunsill.

Kien hemm qbil fuq dan.

3.15.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li tintalab laqgħa mal-Onorevoli Silvio Parnis li hu ċ-Chairman tal-Kunsill konsultattiv fuq in-Nofsinhar ta' Malta.

Kien hemm qbil li hekk kif ikollna d-data tal-appuntament tiġi fformulata l-Aġenda.

3.15.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Sindku ta' Ħal Safi fejn jiġi diskuss proġett li ser isir fejn il-katakombi ta' fejn ix-Xarolla. Is-Sindku għandu jiġi mistoqsi jekk il-Kunsill Lokali Ħal Safi, iridx jidħol *joint venture* mal-Kunsill taż-Żurrieq fuq dan il-proġett biex jibqa sejjer sal-konfini ta' Ħal Safi jew jekk ma jaqbilx, il-proġett għandu jieqaf sal-konfini taż-Żurrieq.

3.15.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li l-Kunsill ikompli jinsisti mal-Avukat biex jitkompla l-proċess fuq il-konfini Żurrieq/Safi.

3.15.9 Il-Viċi Sindku Rita Grima, nfurmat li waqt laqgħa li kellha fil-Reġjun Nofsinhar, ġiet infurmatha li ser jingħataw fondi lil kull kunsill, skond kemm għandu

reġistrati persuni b'diżabilita.

Għalhekk intbagħtet email kemm lill-Arċipriet taż-Żurrieq u kemm lill-KMPD biex jinfurmaw lill-Kunsill, bil-lista ta' dawk li huma reġistrati.

3.15.10 Il-Viċi Sindku Rita Grima ppreżentat bandiera tar-Reġjun Nofsinhar li ġiet offruta lill-Kunsill taż-Żurrieq waqt attivita' li attendiet.

3.15.11 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li l-Kunsill jiċċekja t-tender tas-Soft areas u ġonna pubbliċi, fejn jirrigwardja t-tħawwil tal-fjuri staġjonali. Hu ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur preżenti qed jibgħat kont għal fjuri li jiżra, filwaqt li kuntratturi oħra preċedenti kienu jagħtu dan is-servizz bla ħlas.

3.15.12 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li minħabba li d-dog bins mhumiex irħas, kull dog bin li jkun installat għandu jitressaq f'seduta.

Kien hemm qbil fuq dan.

## *3.16 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

3.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' €63,688.42.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia u mil-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard.

## *3.17 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

3.17.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Lulju, 2015.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**